**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Mejju, 2021**

**Mandat Nru: 673/2021/1 AF**

**Isabella Tanti legalment separata minn Aldo Tanti, bint il-mejjet Spiridione Barbara u Antoinette neé Mifsud**

**vs**

**Franco Camilleri**

**Anna Camilleri**

**David Charles Tabone**

**u**

**Rachel Tabone Gilford**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Isabella Tanti, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti ntalbet zzomm lill-intimati milli jibdew u/jew ikomplu u/jew jissoktaw milli jkomplu, jew b'kull mod iehor jibqghu ghaddejjin, kemm personalment u kemm permezz ta' terzi, b'xogholijiet ta' kostruzzjoni, alterazzjonijiet, *finishing*, twehhil ta' aperturi, u/jew modifikazzjonijiet ohra kemm internament u kemm fuq l-arja tal-korp ta' bini li jismu "Blossoms", numru 24A & B, Triq il-Hawha kantuniera ma' Triq il-Gakaranda, San Gwann.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-intimati.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla sabiex jigi degretat in camera.

Rat l-Art. 873 tal-Kap. 12 u l-gurisprudenza relatata.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti f'dawn il-proceduri qeghda titlob lil din il-Qorti zzomm lill-intimati milli jibdew zvilupp pjanat minnhom sabiex jinbnew aktar sulari f'binja fejn hija ghandha proprjetà tal-maisonette fil-pjan terran.

Jidher mad-daqqa t'ghajn illi l-izvilupp propost ser jinkludi ftuh ta' aperturi li jaghtu ghal fuq il-parapett tar-rikorrenti. Minkejja dak li jsostnu l-intimati, l-Qorti ma tqisx dawn bhala aperturi fil-hajt ta' barra a tenur tal-Art. 426 tal-Kap. 16. F'dan il-kuntest il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Cachia vs Vella (13 ta' Lulju 2000 – senjatament para. 20 et seq) u Zammit vs Tabone (12 ta' Dicembru 2018 – senjatament para 69 et seq).

Inoltre, jidher illi bil-kostruzzjoni ta' appartamenti godda ser jaggrava wkoll is-servitù ezistenti li permezz tieghu il-fond tar-rikorrenti jilqa' l-ilma tax-xita u drenagg mill-fond sovrastanti.

Il-Qorti tqis li dan ma jistax isir minghajr il-kunsens tal-fond servjenti, kif lanqas ma ghandhom jitwahhlu pipes u "*flushings*" fl-arja tal-btiehi interni u *shafts* proprjetà tar-rikorrenti.

Finalment, il-Qorti tqis ukoll li l-proposta li jinbena *lift* biswit il-kamra tas-sodda tar-rikorrenti minghajr ma jittiehdu mill-bidu nett mizuri sabiex jevitaw l-inkonvenjent ta' hsejjes u vibrazzjonijiet, tkompli tiggustifika t-talba taghha ghall-hrug tal-mandat kif mitlub.

L-abbli difensur tal-intimati fit-trattazzjoni tieghu, isemmi l-fatt li l-intimati mhumiex xi zviluppaturi kbar izda investituri zghar li l-hrug tal-mandat ser iwegga'. Il-Qorti tifhem dan però ma tqisx li s-sitwazzjoni taghhom tezentahom milli jirrispettaw il-jeddijiet ta' terzi skrupolozament.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba ta' Isabella Tanti kif kontenuta fir-rikors taghha tal-5 ta' Mejju 2021.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF